Ott 2015

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



## Il-proġett ta'

# Pjazza San Pietru u San Pawl

Fl-ewwel xhur tat-tmien Kunsill Lokali tan-Nadur, kien hemm emfasi sabiex jitkompla x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza San Pietru u San Pawl, b'fondi tal-Unjoni Ewropeja. Dan issa wasal fl-aħħar stadji u fil-ġimgħat li ġejjin il-Pjazza se tiżżejjen ukoll bi *street furniture*. Il-proġett ser ikun inawgurat nhar is-**Sibt, 14 ta' Novembru** mill-President ta' Malta flimkien mas-Sindku tan-Nadur. B'hekk naċċertaw li l-Pjazza ewlenija tingħata lura lin-Nadurin!

*Embellishment works at St. Peter & St. Paul Square to be inaugurated on the 14th of November.*







# B'Għaqal u Impenn

**Messaġġ mis-Sindku – Edward Said**

F'Mejju li għadda intom ir-residenti għoġobkom teleġġu Kunsill ġdid, kompost minn tlett kunsilliera li diġa servew f'leġislaturi oħra, u tnejn għal-ewwel darba. Jiena, bħala wieħed minn dawn il-ġodda, ingħatajt il-fiduċja sħiħa tagħkom sabiex fl-erba' snin li ġejjin inservi bħala Sindku ta' din il-lokalita' tant għażiża għalina – in-Nadur. Għaldaqstant f'ismi u f'isem il-kunsilliera sħabi nirringrazzjawkom tal-fiduċja tagħkom fina.

Diġa għaddew kważi sitt xhur ta' ħidma, li fihom bħala Sindku ridt niggarantixxi kontinwita u ideat ġodda, xi ħaġa li lkoll wgħednikom. Din kienet titlob li f'qasir żmien nippreparaw għal Festa tal-Imnarja, u dak kollu li ġġib magħha. Irridu nammettu li kellna Festa sabiħa li rat ukoll aktar għaqda bejn dawk involuti u nies li ġew igawdu magħna.



Il-Kunsill ħa ħsieb li minbarra li jikkollabora bis-sħiħ mal-parroċċa, s-Soċjeta Filarmonika Mnarja u l-għaqdiet, jorganizza l-Wirja Agrarja u l-attivita tat-tfal fost l-oħrajn. Dawn ukoll stinkajna sabiex ikunu organizzati bi stil ftit differenti mis-soltu, minkejja l-limitazzjoni ta' żmien.

Il-Kunsill kien iffukat ukoll bil-ħidma fuq il-proġett ta' Pjazza San Pietru u San Pawl, liema proġett inbeda mill-kunsill preċedenti. L-isfidi li sibna hawnhekk kienu kbar, u dan sabiex fi ftit ġimgħat jingħalaq ix-xogħol tas-servizzi u tal-ġibjun, u allura tibda l-ħidma fuq il-bankina ewlenija u tkun xierqa għal Festa. Żammejna l-wegħda tagħna u sar xogħol mingħajr waqfien li wassal biex ma kien hemm l-ebda ntopp għal Imnarja. Ix-xogħol tkompla imbagħad fix-xhur tas-sajf u issa proprju wasalna fl-aħħar fażi, fejn tiġi mimliha bi 'street furniture' u allura verament tingħata lura lir-residenti kollha biex titgawda.

Il-ħidma tal-kunsill kienet waħda bla nifs, fejn anke għal sena oħra organizzajna id-Delicata Wine Festival, li kienet attivita suċċess oħra. Barra minn hekk sar ukoll ħafna xogħol sabiex fil-ġranet li ġejjin ikollna Halloween fin-Nadur u attivitajiet ta' Jum il-Kunsill li ser jinkludu numru ta' affarijiet ġodda għal familja kollha. Ta' min isemmi wkoll l-emfasi li qegħdin nagħtu lil ġemelaġġi sabiex nkomplu nsaħħuhom.

*ikompli...*

Qed naħdem bis-sħiħ sabiex ikollna kunsill ferm aktar miftuħ għal kulħadd, fejn kull min jixtieq jgħin u jsemma' l-vuċi tiegħu jkun jista' faċilment jagħmel dan. Bħala Sindku qiegħed nagħmel ħilti biex ikollna kunsill magħqud, li kapaċi jiddiskuti l-ideat varji, u jiddelega x-xogħol tiegħu lil kull min lest jaħdem għan-Nadur tagħna.

Minkejja l-isfidi finanzjarji u dawk ta' riżorsi oħra, id f'id mal-kollegi kunsilliera u l-istaff, qed jirnexxielna nindirizzaw it-talbiet tagħkom ir-residenti filwaqt li nfasslu pjan ta' ħidma li jixraq lin-Nadur.

Dan dejjem bl-iktar mod għaqli u b'impenn.






# Inkomplu fejn ħallejna

**Messaġġ mill-Viċi-Sindku – Eucharist Camilleri**



Iż-żmien jgħaddi. Minn l-iżgħar kunsillier fl-1996 issa ninsab l-akbar wieħed fl-eta' f'din il-leġislatura. Dejjem ħdimt u stinkajt għal skop wieħed, dak li nkompli nġib l-lokalita tagħna l-quddiem, minkejja xi nuqqasijiet li forsi stajna għamilna aħjar jew evitajna. Konvint li hawn ħafna li jaqblu miegħi. Nwiegħed li ser inkompli nkun qrib ir-residenti u nipprova nagħti l-kontribut sħiħ tiegħi.

F'din l-amministrazzjoni għandi responsabilita' diretta mic-Charter Ewropew tal-Komunitajiet Rurali, li fih Malta hi rrappreżentata bil-Lokalita' tan-Nadur. F'dan ic-Charter hemm rappreżentanza minn kull pajjiż fl-Unjoni Ewropeja. Hu ta' sodisfazzjon personali li fl-2018, il-laqgha annwali ser tiġi ospitata fil-lokalita' tagħna fejn jkun mistenni jattendu 300 persuna. Avveniment li żgur ser jkun ta' mportanza kbira.

Ma jistax jonqos li matul dawn l-erba' snin ser nkun spalla ma' spalla mas-Sindku Edward Said u l-kunsilliera kollha, u allura l-awgurju tiegħi hu li mmiddu idejna għax-xogħol u nwettqu dak kollu possibli li jgħamilna kburin meta jiġi biex jintemm dan il-mandat.



# Dr. Josianne Cutajar

**Messaġġ mill-Kunsilliera**

Inħossni onorata li erġajtu urejtu fiduċja fija biex nirrappreżentakom. Matul dawn l-erbgħa snin li ġejjin l-impenn tiegħi lejkom in-Nadurin se jibqa' għaddej, anzi, se jżid fir-ritmu tiegħu. Il-ħidma tiegħi ser inwettaqha fl-oqsma diversi, inkluż fil-kompetenzi illi ġejt fdata bihom, ċioe', fondi tal-Unjoni Ewropea, skemi ta' fondi mill-Gvern Ċentrali u relazzjonijiet mal-entitajiet parastatali. Dan is-sajf ħdimt b'suċċess biex fil-bajja ta' San Blas titkabbar iż-żona tal-għawm biex b'hekk il-bajja setgħet titgawda aktar. Grazzi għall-Ministeru għal Għawdex saru wkoll xogħlijiet biex aħna n-Nadurin inkunu moqdijin aħjar, inkluż xogħlijiet fuq Triq Daħlet Qorrot, Triq Ħanaq, parti minn Triq il-Qala u Triq it-Torri ta' Sopu.

L-ilmenti u s-suġġerimenti tagħkom ir-residenti jiffurmaw parti importanti mill-ħidma tiegħi. Nirringrazzja lil dawk kollha li ta' kuljum jgħadduli ideat ta' kif nistgħu nimxu aħjar fil-lokalita' tagħna. Hekk per eżempju, il-Kunsill Lokali tan-Nadur ħa ħsieb jikkoordina mal-awtoritajiet konċernati sabiex il-buses tal-iskola jibdew jagħmlu rotta li takkomoda aħjar lill-istudenti illi joqogħdu fl-inħawi ta' Grunju u ta' Triq il-Qala.



Finalment, nixtieq inħeġġeġ liż-żgħażagħ Nadurin biex jissieħbu mal-Kunsill taż-Żgħażagħ u għaqdiet oħrajn fil-kommunita' tagħna. Mill-esperjenza personali, il-Kunsill taż-Żgħażagħ kien l-ewwel pass li permezz tiegħu fhimt li l-politika hi mezz ta' kif wieħed jieħu deċiżżjonijiet u azzjonijiet li jaffetwaw lill-familji fil-ħajja ta' kuljum; mezz ta' kif wieħed iservi.

Se nimpenja ruħi bis-sħiħ sabiex nibqa' nkun qribkom.

## ĦARĠA GĦALL-ANZJANI F'MALTA

**Is-Sibt, 24 t'Ottubru**

Tluq mill-Pjazza fis-7:00am għal mal-vapur tas-7:30am

**Prezz:** €19

**Biljetti jinkisbu mill-Kunsill Lokali Nadur.**
**In-numru tal-postijiet huwa limitat.**

*Outing in Malta for Senior Citizens.*
*Details from Local Council.*

## Christmas OPEN MARKET

FI PJAZZA SAN PIETRU U SAN PAWL

**8 TA' DIĊEMBRU**
**MIS-7:00AM**

# FESTA TAL-IMNARJA
## ĠUNJU 2015



Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat
*Traditional Fair*










Attivita' tat-Tfal
*Children's Day Activities*















# WINE FESTIVAL
## AWISSU 2015

# Dr. Rita Mifsud





L-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill reġgħu magħna, zmien li fih nirrikonoxxu l-ħidma tal-Kunsill fil-lokalita' u fejn ir-residenti jkollhom l-opportunita' li jkunu parti mill-ħidma tal-Kunsill billi jippartecipaw f'attivitajiet varji. Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet għal din is-sena għandu jkun bla dubju l-inawguarazzjoni tal-proġett tal-Pjazza San Pietru u San Pawl, proġett ambizzjuż li kien il-ħolma ta' ħafna u li issa għandna l-unur ngħidu li mmaterjalizza, minkejja li bħal kull proġett ieħor ta' din in-natura, kien wieħed kontroversjali u fejn l-intoppi ma naqsux. Nemmen iżda li minkejja kollox, dan il-proġett kien suċċess, u dan għaliex intlaħaq l-għan ewlieni tal-Kunsill, li l-pjazza tingħata lura lir-residenti u li r-raħal tagħna jkollu pjazza li verament tixraqlu.

L-esperjenza tiegħi fil-Kunsill matul dawn l-aħħar tliet legislaturi għallmitni kemm jirrikjedi preparamenti, riżorsi u żmien proġett sostanzjali bħal dak li għadna kemm għalaqna. Il-fatt li, minkejja l-limitazzjonijiet kollha, fil-każ tal-proġett tal-Pjazza l-Kunsill rnexxielu jwettaq il-viżjoni tiegħu jimlieni b'kuraġġ għall-futur sabiex issa ndawru ħarsitna fuq proġetti oħra ambizzjużi. Matul din il-leġislatura jiena ġejt fdata bir-responsabilita' għall-ħidma soċjali u servizzi fil-komunita', anzjani u tfal, tliet oqsma ferm għal qalbi u fejn hemm ħafna x'jista' jsir. Fil-qasam tas-servizzi fil-komunita' matul leġislaturi preċedenti l-Kunsill ha ħsieb li tiġi devoluta f'ismu biċċa art fl-inhawi ta' Triq Binġemma sabiex tkun tista' tiġi żviluppata f'ċentru ċiviku minn fejn jistgħu jiġu offruti numru ta' servizzi fil-kommunita'. L-għan tagħna hu li nesploraw aktar possibilitajiet ta' fondi sabiex inkunu nistgħu nutilizzawhom għat-twettieq ta' dan il-proġett u nittama li fil-futur qarib jirnexxielna.

Fil-frattemp il-ħidma tagħna fl-interess tar-residenti ser tkompli għaddejja u l-inizjattivi, servizzi u l-attivitajiet immirati għalikom ma jonqsux. Nappella u nħeġġeġ lilkom ir-residenti sabiex tippartecipaw fl-attivitajiet u inizjattivi tal-kunsill, kif ukoll tgħaddulna s-suġġerimenti tagħkom dwar kif nistgħu ntejbu dejjem aktar is-servizzi li noffru. Huwa biss id f'id magħkom ir-residenti li verament il-Kunsill jista' jgħid li qed jilħaq l-iskop ewlieni tiegħu li jkun ta' servizz għalikom ilkoll.

# Michael Camilleri

Ħames xhur ilu ġejt elett għall-ewwel darba bħala l-iżgħar kunsillier ġewwa Għawdex. Kienet ta' sfida għalija biex nidra ċertu sistemi, proċeduri u xogħlijiet li jsiru fi ħdan il-Kunsill Lokali. Pero' ma kienet l-ebda sfida għalija biex nibqa' qrib ir-residenti Nadurin kemm qabel u kemm wara l-elezzjoni li għaddiet. Ninsab kuntent ħafna li l-ħolma tiegħi saret realta' u li qed naħdem għar-raħal twelidi. "Fejn hemm l-għaqda, hemm is-saħħa". U hekk qed nagħmlu. Qed naħdmu id f'id biex inkomplu nibnu fuq li għamlu ta' qabilna. Aktar minn hekk, qed inqajjmu lin-Nadur lura fuq saqajh f'ċertu aspetti oħra. Dan biss jista' jirnexxi jekk il-Kunsill Lokali ikun ħaġa waħda mar-residenti tiegħu.








## Charter of European Rural Communities

Annual Meeting - Zagare, Lithuania ▲

Adult Meeting - Hepstedt, Germany ►



# Xogħlijiet



Jinbena ħajt li waqa' mil-Ministeru għal Għawdex fi Triq Torri Sopu
*Works on Sopu Tower Street by Ministry for Gozo*



Titranġa it-Trejqa tal-Plier wara ħsarat kbar mix-xita
*Works at Tal-Plier*



Tkompli tinbena triq li waqgħet f'Tad-Duru
*Works at Tad-Duru*



**ĦINIJIET TAL-LIBRERIJA**

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis:** | 08:30 - 13:40 |
| **L-Erbgħa, il-Ġimgħa:** | 08:30 - 15:40 |
| **Is-Sibt:** | 09:00 - 10:00 |

**read with me...**
Għal tfal minn 0 sa 3 snin
Kull nhar ta' **Tnejn** mid-09:00 sal-10:00



## Tim tal-Futbol f'Cicciano

Grupp ta' 50 persuna flimkien mat-tfal tal-Under 11 ta' Nadur Youngsters f'ġita lejn Cicciano mas-Sindku/Coach.

*Visit to Cicciano by the Under 11 football team.*

## Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ

F'Settembru, Danica Cassar ħalliet il-post tagħha bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ peress li għalqet 18-il sena. Il-Kunsill ħatar lil Brittany Attard għal dan l-irwol. Nawgurawlom!

*Brittany Attard has been appointed by the Local Council as the new Ambassador for Youths, following Danica Cassar's end of tenure.*



Danica Cassar



Brittany Attard

## Skart - Servizzi provduti mill-Kunsill Lokali

**Refuse Collection – Ġbir ta' Skart Imħallat mid-djar:** Dan is-servizz qed jiġi provdut kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt.

**Bulky Refuse - Ġbir ta' Skart Goff mid-djar:** Dan is-servizz qed jiġi provdut kull nhar ta' Tnejn, u r-residenti huma mitluba japplikaw għs-servizz il-Kunsill u jindikaw anke l-ammont ta' skart goff li jrid jinġbar.

**Open Skips (fl-area Ta' Xurdin):** Dan is-servizz qed jiġi provdut nhar ta' Erbgħa minn nofsinhar sal-5pm, u nhar ta' Sibt mit-8am sal-4pm. Bil-ligi hadd ma jista jitfa materjal barra mil-iskips u dawn jistghu jintuzaw biss mir-residenti tan-Nadur.

**Recycling – Borża Griża:** Dan is-servizz huwa provdut kull nhar ta' Tlieta minn quddiem ir-residenzi kollha tan-Nadur.

**Ġbir ta' Ħġieġ mid-djar:** Dan is-servizz ukoll qed jiġi provdut kull l-ewwel Ħamis tax-xahar.

Il-Kunsill Lokali qed jiddedika ħafna riżorsi fejn jidħol ġbir ta' skart u allura jitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd. Importanti li ħadd ma joħrog skart fi ġranet jew ħinijiet li ma jinġabarx, u jinżamm dejjem quddiem ir-residenza tiegħu.

# ĊELEBRAZZJONIJIET JUM IL-KUNSILL 2015

**Is-Sibt, 7 ta' Novembru 2015**
*8.00pm* - Lejliet il-festa tal-Kon-Patrun tan-Nadur San Koronatu. Fit-Teatru MBC jittella' Kunċert Mużikali mis-Soċjeta' Filarmonika Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Joseph Grech. Waqt l-istess Programm ser ikun hemm preżentazzjoni tal-Premju 'Ġieħ in-Nadur' għas-sena 2015 mill-Kunsill Lokali, lil dik il-persuna li tkun iddistingwiet ruħha fil-ħajja soċjali tal-lokalita'. Jingħata wkoll rikonoxximent lil Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Wara jsir riċeviment għal dawk kollha preżenti.

**Il-Ħadd, 8 ta' Novembru 2015**
*9.00am* - Il-membri tal-Kunsill jattendu għall-quddiesa Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu fil-Knisja Bazilika tan-Nadur.
Bejn it-*8.30am* u s-*1.00pm* ser isir *Blood Donation* f'Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13.

**It-Tnejn, 9 ta' Novembru 2015**
*7.30pm* - Isir il-ftuħ ta' Wirja bl-isem ta' "Infinite Abilities" fis-Sala Joe Tabone tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Din ser tkun esebizzjoni ta' xogħolijiet tal-arti mil-klijenti ta' *Inspire Foundation*, bil-ħsieb li nesponu dawn it-talenti u anke ngħinuhom fit-twettiq tal-ħidma tagħhom. Wara jkun hemm riċeviment għal dawk kollha preżenti.

**L-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2015**
*6.00pm* - Tournament tal-Futbol fil-grawnd Peter Paul Camilleri tan-Nadur, bl-isem ta' 'Joe Tabone Memorial Tournament', mit-tfal tal-Under 11.

**Il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2015**
*3.30pm* - Ħarġa għall-Anzjani b'quddiesa fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Għajnsielem, ħin ta' mistrieħ fiż-Żewwieqa, ikla u tombla il-Fliegu Restaurant fin-Nadur.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru 2015**
*7.30pm* - Ser jiġi organizzat 'Night Hike' mil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. It-tluq ser ikun minn ħdejn il-Kunsill Lokali, u wara nieqfu nieklu xi ħaġa flimkien.

**Is-Sibt, 14 ta' Novembru 2015**
*6.45pm* - Issir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett ta' Pjazza San Pietru u San Pawl taħt il-patronċinju tal-President tar-Repubblika ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca, flimkien mas-Sindku, kunsilliera u mistiedna distinti oħra. Is-serata ser tinkludi ripertorju mil-*Gozo Youth Wind Band* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Grech, flimkien ma' Chiara Siracusa u Ludwig Galea u sorpriżi oħra.

**Il-Ħadd, 15 ta' Novembru 2015**
*9.15am* - Fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-Sotto Kumitati, Staff u Poplu Naduri. Iqaddes Mons. Arcipriet Jimmy Xerri u din il-quddiesa tkun b'suffraġju tal-ex Sindku Joe Tabone u l-ex Kunsillier Frans Sammut.

*10.30am* - Tibda il-mixja bħala parti minn *Nadur 8K (in aid of Puttinu Cares),* liema mixja hija organizzata għal l-ewwel darba mill-Kunsill Lokali u ddur man-Nadur. Jingħata token lil kull min jipparteċipa.

*10.45am* - Tibda il-ġirja bħala parti minn *Nadur 8K* li wkoll hija organizzata għal l-ewwel darba. Filwaqt li jinghataw tazzi lir-rebbieħa, jingħata wkoll token lil kull min jipparteċipa. Kemm il-mixja u anke il-ġirja jibdew u jintemmu fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

*3.00pm* - Tittella' Sports Day għat-tfal tal-iskejjel Primarji u Sekondarji fil-Ground tal-Museum tas-Subien.


